# Kumitat Amministrattiv FLEUR-DE-LYS

## Kunsill Lokali Birkirkara

Minuti tat-18-il laqgħa tat-Tieni Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-lys li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju 2016, fil-5.00 p.m.

| | **Il-Membri** |
|---|---|
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-lys** | Dott. Francesca Zarb |
| **Membri tal-Kumitat Amministrattiv** | Is-Sur Lino Camilleri |
| | Is-Sur Anthony Gatt (Assent Skużat) |
| | Is-Sinjura Helen Montebello |
| **Sindku tal-Kunsill Lokali Birkirkara** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech (Assenta skużata) |
| **L-Uffiċċjal** | |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Neil Spiteri |

Għat-tmintax -il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv kienu preżenti ċ-*chairperson* Dott. Francesca Zarb, is-Sur Lino Camilleri u s-Sinjura Helen Montebello. Is-Sur Lino Camilleri kien assenti.

Għal din il-laqgħa ma kienx hemm il-preżenza tal-pubbliku.

1. **Talba**

   Il-laqgħa bdiet billi ċ-*Chairperson*, Dott. Francesca Zarb qalet it-talba.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 17**

   Il-minuti tas-17-il laqgħa tqassmu ma' l-aġenda u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet biċ-*Chairperson* Dott. Francesca Zarb pproponiet li l-minuti jiġu approvati. Is-Sinjura Helen Montebello ssekondat u l-minuti ġew approvati u ffirmati.

3. **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti.**

   Ġie nnutat illi fuq Triq Brigella, ta' Transport Malta għadhomx ma ġewx biex jagħtu l-parir tagħhom dwar *traffic management*.

4. **Matters Arising**

Rigward *Fleur de Lys Gate*, is-Sur Lino Camilleri staqsa jekk il-ġebla hiex se tingħata xi tip ta' żejt, spirtu, jew materjal ieħor biex ma jiġriliex ħsara kemm jista' jkun. Is-Segretarju se jiċċekkja u jwieġeb lura. Is-Sur Camilleri staqsa wkoll min se jieħu ħsieb it-tisqija tal-pjanti mar-*roundabout* u s-Segretarju qal li r-*roundabout* qegħda fi triq ewlenija allura taqa' taħt ir-responsabilta' tal-gvern ċentrali.

Is-Sur Lino Camilleri qal li f'toroq bħal Triq L. Farrugia u Triq l-1 ta' Mejju hemm bżonn jinżebgħu u jsir *refreshing* ta' xi sinjali fosthom STOPs ħalli jitnaqqas il-periklu.

Rigward *patching* fit-toroq, is-Segretarju Eżekuttiv talab liċ-*chairperson* Dr. Francesca Zarb biex tagħmel lista bi prioritajiet ħalli kif ikollna ċans indaħħluhom fil-programm ta' xogħlijiet.

Tabella bl-isem ta' Fleur De Lys li nqalgħet minn ġnien Fleur De Lys. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din inqalgħet għax kellha ħsarat minn fuq u jrid jiġi nvestigat tistax tissewwa jew le.

Kamra fl-iskola primarja ta' Santa Venera allokata għall-kumitat amministrattiv ta' Fleur de Lys. Iċ-*Chairperson* Dr. Francesca Zarb se tiċċekkja mas-Sur Ronald Briffa jekk għandux ċwievet.

5. **Aġġornament**

Il-laqgħa spiċċat fis-6 pm u ġiet aġġornata *sine die*.

Dott. Francesca Zarb

*Chairperson*

Neil Spiteri

Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv